Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2025/0073(COD)

30.6.2025

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/691 fir-rigward tal-appoġġ għall-ħaddiema affettwati minn sensji imminenti f'intrapriżi li għaddejjin minn ristrutturar (COM(2025)0140 – C10-0060/2025 – 2025/0073(COD))

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

Rapporteur: Liesbet Sommen

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 19

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM 21

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/691 fir-rigward tal-appoġġ għall-ħaddiema affettwati minn sensji imminenti f'intrapriżi li għaddejjin minn ristrutturar
(COM(2025)0140 – C10-0060/2025 – 2025/0073(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2025)0140),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 175 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0060/2025),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-valutazzjoni baġitarja maħruġa mill-Kumitat għall-Baġits,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 60 u 58 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[2],

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A10-0000/2025),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

[1] ĠU C, , ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/.../oj/ Għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.
[2] ĠU C, , ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/.../oj/ Għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) L-irwol tal-FEG għadu importanti bħala fond flessibbli li jappoġġa lill-ħaddiema li jitilfu l-impjiegi tagħhom f'avvenimenti ta' ristrutturar fuq skala kbira u li jgħinhom biex isibu impjiegi oħra kemm jista' jkun malajr. Jenħtieġ li l-Unjoni tkompli tipprovdi appoġġ speċifiku u ta' darba biex il-ħaddiema ssensjati f'oqsma, setturi, territorji jew swieq tax-xogħol li jkunu qed ibatu minn xokk ikkawżat minn tfixkil ekonomiku serju jsibuha faċli jintegraw mill-ġdid f'impjieg deċenti u sostenibbli. L-UE trid tiżgura l-prosperità u l-kompetittività sostenibbli tagħha, filwaqt li tippreserva l-ekonomija soċjali tas-suq unika tagħha, tirnexxi fit-tranżizzjoni doppja, u tissalvagwardja d-demokrazija, is-sigurtà ekonomika u l-pożizzjoni ġeopolitika tagħha. Sabiex jiġu ssalvagwardjati l-futur tal-UE bħala mutur ekonomiku, u l-progress fit-tranżizzjoni doppja diġitali u ekoloġika tagħha, huwa vitali li jiġu appoġġati l-ħaddiema affettwati minn spostament imminenti tal-impjiegi f'intrapriżi li jkunu għaddejjin minn ristrutturar sabiex ikunu jistgħu jiksbu l-ħiliet li jgħinuhom jittrasferixxu fi rwol differenti, jew jibdlu l-impjieg.	(6) L-irwol tal-FEG għadu importanti bħala fond flessibbli li jappoġġa lill-ħaddiema li jitilfu l-impjiegi tagħhom f'avvenimenti ta' ristrutturar fuq skala kbira u li jgħinhom biex isibu impjiegi oħra kemm jista' jkun malajr. Jenħtieġ li l-Unjoni tkompli tipprovdi appoġġ speċifiku u ta' darba biex il-ħaddiema ssensjati f'oqsma, setturi, territorji jew swieq tax-xogħol li jkunu qed ibatu minn xokk ikkawżat minn tfixkil ekonomiku serju jsibuha faċli jintegraw mill-ġdid f'impjieg deċenti u sostenibbli. L-UE trid tiżgura l-prosperità***, l-awtonomija strateġika*** u l-kompetittività sostenibbli tagħha, filwaqt li tippreserva l-ekonomija soċjali tas-suq unika tagħha, tirnexxi fit-tranżizzjoni doppja, u tissalvagwardja d-demokrazija, is-sigurtà ekonomika u l-pożizzjoni ġeopolitika tagħha***. Il-bidla fil-mudelli tal-produzzjoni relatati mat-tranżizzjoni doppja diġitali u ekoloġika se timxi id f'id mal-proċessi ta' ristrutturar, li jistgħu jkunu essenzjali biex jiġu żgurati s-sostenibbiltà ekonomika ta' kumpanija u l-istabbiltà tal-impjiegi fit-tul, u b'hekk tissaħħaħ il-kompetittività tal-Unjoni u fl-istess ħin jiġu salvati l-impjiegi***. Sabiex jiġu ssalvagwardjati l-futur tal-UE bħala mutur ekonomiku, u l-progress fit-tranżizzjoni doppja diġitali u ekoloġika tagħha, huwa vitali li jiġu appoġġati l-ħaddiema affettwati minn spostament imminenti tal-impjiegi f'intrapriżi li jkunu għaddejjin minn ristrutturar sabiex ikunu jistgħu jiksbu l-ħiliet li jgħinuhom jittrasferixxu fi rwol differenti, jew jibdlu l-impjieg. ***Jekk dan il-proċess ta' ristrutturar jaffettwa attivitajiet fil-forniturі diretti jew l-utenti downstream tal-intrapriżi, il-ħaddiema impjegati minn dawk il-kumpaniji jenħtieġ li jkunu***

eliġibbli wkoll għall-appoġġ. F'każijiet bħal dawn, jenħtieġ li dawk il-kumpaniji jipprovdu prova li hemm rabta kawżali murija mal-proċess ta' ristrutturar inizjali.

Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Għalhekk jeħtieġ jiġi emendat ir-Regolament (UE) 2021/691 sabiex il-FEG ikun jista' joffri wkoll assistenza lill-ħaddiema affettwati minn spostament imminenti ta' impjiegi f'intrapriżi li jkunu għaddejjin minn ristrutturar. Peress li dawn il-ħaddiema għadhom f'impjieg attiv, l-impjegatur jista' jitlob assistenza permezz tal-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri. Peress li l-FEG huwa ġestit b'mod kondiviż, huma l-awtoritajiet tal-Istati Membri li jistgħu jitolbu kofinanzjament mill-FEG malli jirċievu talba minn intrapriża, dment li l-intrapriża taqbel li tipprovdi l-kofinanzjament nazzjonali. Jekk tingħata l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, l-Istat Membru kkonċernat jenħtieġ li jagħmel il-fondi mitluba disponibbli għall-intrapriża fi żmien ġimagħtejn minn meta jirċevihom. B'mod partikolari, l-intrapriża jenħtieġ li tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Istat Membru l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tħejji r-rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja rilevanti, mhux aktar tard minn 6 xhur wara t-tmiem tal-implimentazzjoni tal-assistenza. Il-Kummissjoni se tħejji stħarriġ tal-benefiċjarji u l-intrapriża jenħtieġ li taqsam l-aċċess għall-istħarriġ fost il-ħaddiema li pparteċipaw fil-programm.	(7) Għalhekk jeħtieġ jiġi emendat ir-Regolament (UE) 2021/691 sabiex il-FEG ikun jista' joffri wkoll assistenza lill-ħaddiema affettwati minn spostament imminenti ta' impjiegi f'intrapriżi li jkunu għaddejjin minn ristrutturar***, inklużi l-fornituri jew l-utenti downstream tagħhom. Sabiex jiġi żgurat infiq effiċjenti tal-FEG, l-appoġġ jenħtieġ li jmur biss għall-kumpaniji li għaddejjin minn ristrutturar jekk dan il-proċess jappoġġa t-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali***. Peress li dawn il-ħaddiema għadhom f'impjieg attiv, l-impjegatur jista' jitlob assistenza permezz tal-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri***. Meta diversi kumpaniji jiġu affettwati mill-proċess ta' ristrutturar, jenħtieġ li l-Istat Membru, fuq bażi eċċezzjonali, jippermetti li jiġu ppreżentati applikazzjonijiet kollettivi***. Peress li l-FEG huwa ġestit b'mod kondiviż, huma l-awtoritajiet tal-Istati Membri li jistgħu jitolbu kofinanzjament mill-FEG malli jirċievu talba minn intrapriża, dment li l-intrapriża taqbel li tipprovdi l-kofinanzjament nazzjonali. Jekk tingħata l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, l-Istat Membru kkonċernat jenħtieġ li jagħmel il-fondi mitluba disponibbli għall-intrapriża ***kemm jista' jkun malajr u fi kwalunkwe każ*** fi żmien ġimagħtejn minn meta jirċevihom. B'mod partikolari, l-intrapriża jenħtieġ li tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Istat Membru l-

informazzjoni kollha meħtieġa biex tħejji r-rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja rilevanti, mhux aktar tard minn 6 xhur wara t-tmiem tal-implimentazzjoni tal-assistenza. Il-Kummissjoni se tħejji stħarriġ tal-benefiċjarji u l-intrapriża jenħtieġ li taqsam l-aċċess għall-istħarriġ fost il-ħaddiema li pparteċipaw fil-programm.

Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Peress li l-ħaddiema affettwati minn spostament imminenti ta' impjieg għadhom f'impjieg attiv, il-ħaddiema jeħtieġ li jiġu infurmati matul il-proċess ta' ristrutturar. Għalhekk, il-kumpaniji jeħtieġ li jikkonformaw mal-liġi nazzjonali eżistenti dwar id-djalogu soċjali, in-negozjar kollettiv u l-involviment tat-trade unions matul il-proċess ta' ristrutturar b'mod ġenerali u matul l-implimentazzjoni tal-pakketti mmirati ffinanzjati bl-appoġġ tal-FEG.

Or. en

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) L-appoġġ ipprovdut lill-ħaddiema affettwati minn spostament imminenti tal-impjiegi f'intrapriżi li jkunu għaddejjin minn ristrutturar jenħtieġ li ***jqis il-forom*** eżistenti ta' appoġġ disponibbli skont il-miżuri nazzjonali. L-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar jenħtieġ li ma jkunux eliġibbli għall-appoġġ mill-FEG peress li	(9) L-appoġġ ipprovdut lill-ħaddiema affettwati minn spostament imminenti tal-impjiegi f'intrapriżi li jkunu għaddejjin minn ristrutturar jenħtieġ li ***jissuplimenta l-forom*** eżistenti ta' appoġġ disponibbli skont il-miżuri nazzjonali ***u jappoġġa t-tranżizzjoni doppja diġitali u ekoloġika permezz ta' taħriġ mill-ġdid u titjib tal-***

mhumiex relatati mal-ispostament tal-impjiegi, iżda mas-sospensjoni temporanja tagħhom. L-intrapriża rikjedenti tista' tissottokuntratta l-konsenja tal-pakkett ikkoordinat ta' miżuri personalizzati, jew partijiet minnhom, jekk il-miżuri nazzjonali jippermettu.	***ħiliet tal-ħaddiema u billi jiżgura l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità u kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti***. L-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar jenħtieġ li ma jkunux eliġibbli għall-appoġġ mill-FEG peress li mhumiex relatati mal-ispostament tal-impjiegi, iżda mas-sospensjoni temporanja tagħhom. L-intrapriża rikjedenti tista' tissottokuntratta l-konsenja tal-pakkett ikkoordinat ta' miżuri personalizzati, jew partijiet minnhom, jekk il-miżuri nazzjonali jippermettu.
	Or. en

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Ir-rata ta' kofinanzjament għal tali miżuri mmirati lejn ħaddiema affettwati minn spostament imminenti ta' impjiegi f'intrapriżi li għaddejjin minn ristrutturar jenħtieġ li tkun ugwali għar-rata ta' kofinanzjament għall-assistenza mill-FEG lill-ħaddiema ssensjati. L-intrapriżi li jitolbu appoġġ mill-FEG jenħtieġ li jipprovdu l-kofinanzjament nazzjonali.	(10) Ir-rata ta' kofinanzjament għal tali miżuri mmirati lejn ħaddiema affettwati minn spostament imminenti ta' impjiegi f'intrapriżi li għaddejjin minn ristrutturar jenħtieġ li tkun ugwali għar-rata ta' kofinanzjament għall-assistenza mill-FEG lill-ħaddiema ssensjati. ***Jekk applikabbli, il-fornituri jew l-utenti downstream inklużi fl-applikazzjonijiet kollettivi jenħtieġ li jipprovdu l-kofinanzjament li jkopri l-appoġġ għall-ħaddiema tagħhom stess.*** L-intrapriżi li jitolbu appoġġ mill-FEG jenħtieġ li jipprovdu l-kofinanzjament nazzjonali.
	Or. en

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a) Il-FEG attwali jintuża regolarment f'xi Stati Membri, filwaqt li fi Stati Membri oħra l-użu sa issa kien baxx.

Għalhekk, f'dawk l-Istati Membri għandhom jiġu organizzati kampanji ta' informazzjoni biex titqajjem kuxjenza dwar id-disponibbiltà tal-FEG. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tassisti lill-Istati Membri permezz ta' gwida teknika u billi tikkondividi l-aħjar prattiki.

Or. en

Emenda 7

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. F'konformità mal-Artikolu 4, il-FEG għandu joffri appoġġ lill-ħaddiema ssensjati u lill-persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet waqt avvenimenti ta' ristrutturar kbar u lill-ħaddiema affettwati minn spostament imminenti tal-impjiegi f'intrapriżi li jkunu għaddejjin minn ristrutturar;	2. F'konformità mal-Artikolu 4, il-FEG għandu joffri appoġġ lill-ħaddiema ssensjati u lill-persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet waqt avvenimenti ta' ristrutturar kbar u lill-ħaddiema affettwati minn spostament imminenti tal-impjiegi f'intrapriżi li jkunu għaddejjin minn ristrutturar***, inklużi l-fornituri diretti jew l-utenti downstream tagħhom, dment li l-obbligi nazzjonali skont id-Direttiva 98/59/KE jkunu ġew issodisfati qabel is-sottomissjoni tal-applikazzjoni tal-FEG u l-proċess ta' ristrutturar iżid mat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali***;

Or. en

Emenda 8

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-FEG għandu jappoġġa trasformazzjonijiet soċjoekonomiċi li huma r-riżultat tal-globalizzazzjoni u tal-bidliet	1. Il-FEG għandu jappoġġa trasformazzjonijiet soċjoekonomiċi li huma r-riżultat tal-globalizzazzjoni u tal-bidliet

teknoloġiċi u ambjentali billi jgħin lill-ħaddiema ssensjati u lill-persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet biex jadattaw għall-bidla strutturali. Il-FEG għandu jikkostitwixxi fond ta' emerġenza. Bħala tali, il-FEG għandu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-prinċipji stabbiliti fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u ***għandu*** jsaħħaħ il-koeżjoni soċjali u ekonomika fost ir-reġjuni u l-Istati Membri.

teknoloġiċi u ambjentali billi jgħin lill-ħaddiema ssensjati u lill-persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet biex jadattaw għall-bidla strutturali. Il-FEG għandu ***jappoġġa wkoll lill-ħaddiema jew lill-persuni li jaħdmu għal rashom f'riskju ta' spostament imminenti ta' impjieg. Il-FEG għandu*** jikkostitwixxi fond ta' emerġenza. Bħala tali, il-FEG għandu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-prinċipji stabbiliti fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali***, jippromwovi l-impjieg sostenibbli*** u jsaħħaħ il-koeżjoni soċjali u ekonomika fost ir-reġjuni u l-Istati Membri.

Or. en

Emenda 9

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt b
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) mill-inqas 200 ħaddiem affettwati minn spostament imminenti ta' impjieg ***f'intrapriża*** li tkun għaddejja minn ristrutturar fi Stat Membru;	(d) mill-inqas 200 ħaddiem affettwati minn spostament imminenti ta' impjieg ***li jirriżultaw minn intrapriża*** li tkun għaddejja minn ristrutturar fi Stat Membru***, inklużi ħaddiema affettwati fir-rigward tal-forniturі tal-intrapriżi u l-utenti downstream***;

Or. en

Emenda 10

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 6 - paragrafu 1 - punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ħaddiema affettwati minn spostament imminenti ta' impjieg f'intrapriża li tkun għaddejja minn	(c) ħaddiema affettwati minn spostament imminenti ta' impjieg f'intrapriża li tkun għaddejja minn

ristrutturar. Il-ħaddiema għandhom jibqgħu eliġibbli anki f'każ ta' terminazzjoni reali tar-relazzjoni tax-xogħol. Dawk l-avvenimenti ta' ristrutturar biss għandhom ikunu eliġibbli li jikkwalifikaw bħala sensji kollettivi skont id-Direttiva 98/59/KE.”;	ristrutturar***, inklużi l-forniturі diretti u l-utenti downstream tagħhom***. Il-ħaddiema għandhom jibqgħu eliġibbli anki f'każ ta' terminazzjoni reali ***tar-relazzjoni tax-xogħol. Il-ħaddiema li jkunu rċevew appoġġ mill-FEG waqt l-impjieg ma għandhomx jiġu eskluż milli jirċievu appoġġ ulterjuri wara t-terminazzjoni*** tar-relazzjoni tax-xogħol. Dawk l-avvenimenti ta' ristrutturar biss għandhom ikunu eliġibbli li jikkwalifikaw bħala sensji kollettivi skont id-Direttiva 98/59/KE;
	Or. en

Emenda 11

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt a
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Tista' ssir kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG għal miżuri ta' politika attiva tas-suq tax-xogħol li jiffurmaw parti minn pakkett ikkoordinat, imfassla biex jiffaċilitaw ir-riintegrazzjoni tal-benefiċjarji fil-mira, b'mod partikolari dawk l-aktar żvantaġġati fosthom, f'impjieg jew f'impjieg indipendenti, jew biex tgħin lill-ħaddiema msemmija fl-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (c), jiksbu l-ħiliet li jeħtieġu biex jittrasferixxu fi rwol differenti mal-impjegatur attwali tagħhom jew imorru ma' impjegatur differenti;	1. Tista' ssir kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG għal miżuri ta' politika attiva tas-suq tax-xogħol li jiffurmaw parti minn pakkett ikkoordinat, imfassla biex jiffaċilitaw ir-riintegrazzjoni tal-benefiċjarji fil-mira, b'mod partikolari dawk l-aktar żvantaġġati fosthom, f'impjieg jew f'impjieg indipendenti, jew biex tgħin lill-ħaddiema msemmija fl-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (c), jiksbu l-ħiliet li jeħtieġu biex jittrasferixxu fi rwol differenti mal-impjegatur attwali tagħhom jew imorru ma' impjegatur differenti***, preferibbilment fir-reġjun ta' oriġini tagħhom***;
	Or. en

Emenda 12

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt b
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) "Għall-benefiċjarji msemmija fl-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (c), il-pakkett ikkoordinat jista' jinkludi taħriġ u taħriġ mill-ġdid, imfassla apposta għall-ħtiġijiet tal-ħaddiem individwali, inkluż dwar it-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u ħiliet oħra meħtieġa fl-era diġitali, ċertifikazzjoni tal-għarfien u l-ħiliet miksuba, servizzi ta' assistenza individwali għat-tfittix ta' impjieg u l-attivitajiet għall-gruppi fil-mira, gwida okkupazzjonali, servizzi ta' konsulenza, mentoraġġ, assistenza għar-rikollokament, promozzjoni tal-intraprenditorija u attivitajiet ta' kooperazzjoni. Dan ma jistax jinkludi skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar.";	(c) "Għall-benefiċjarji msemmija fl-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (c), il-pakkett ikkoordinat jista' jinkludi taħriġ u taħriġ mill-ġdid ***li jissuplimenta forom eżistenti ta' appoġġ disponibbli fl-ambitu ta' miżuri nazzjonali***, imfassla apposta għall-ħtiġijiet tal-ħaddiem individwali, inkluż dwar it-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u ħiliet oħra meħtieġa fl-era diġitali, ċertifikazzjoni tal-għarfien u l-ħiliet miksuba, servizzi ta' assistenza individwali għat-tfittix ta' impjieg u l-attivitajiet għall-gruppi fil-mira, gwida okkupazzjonali, servizzi ta' konsulenza, mentoraġġ, assistenza għar-rikollokament, promozzjoni tal-intraprenditorija u attivitajiet ta' kooperazzjoni. Dan ma jistax jinkludi skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar.";
	Or. en

Emenda 13

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt ba (ġdid)
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) Fil-paragrafu 2, jiżdied is-subparagrafu li ġej:
	"Meta jistabbilixxu pakketti kkoordinati skont dan il-paragrafu, l-impjegaturi għandhom jiżguraw li s-sħab soċjali jipparteċipaw fil-proċess, f'konformità mal-liġi nazzjonali applikabbli, speċjalment billi jiddefinixxu l-ħtiġijiet tal-ħiliet, ifasslu b'mod konġunt il-kurrikuli tat-taħriġ, jivvalidaw il-kwalità, u billi jimmonitorjaw l-implimentazzjoni.
	Or. en

Emenda 14

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 8a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-intrapriżi li jkunu għaddejjin minn ristrutturar jistgħu jitolbu lill-Istat Membru kkonċernat jissottometti applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, jekk jiġu ssodisfati l-kriterji ta' intervent stabbiliti fl-Artikolu 4(2), il-punt (d), ***u*** jekk l-intrapriża tkun tixtieq toffri assistenza kofinanzjata mill-FEG lil dawk il-partijiet tal-forza tax-xogħol tagħha affettwati minn spostament imminenti tal-impjiegi, f'konformità mal-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (c). Talba bħal din għandha titressaq mill-intrapriża fi żmien ġimagħtejn mid-data li fiha tkun innotifikat lill-awtoritajiet pubbliċi bil-miktub dwar is-sensji kollettivi proġettati f'konformità mal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 98/59/KE.	1. L-intrapriżi li jkunu għaddejjin minn ristrutturar jistgħu jitolbu lill-Istat Membru kkonċernat jissottometti applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, jekk jiġu ssodisfati l-kriterji ta' intervent stabbiliti fl-Artikolu 4(2), il-punt (d), jekk l-intrapriża tkun tixtieq toffri assistenza kofinanzjata mill-FEG lil dawk il-partijiet tal-forza tax-xogħol tagħha affettwati minn spostament imminenti tal-impjiegi, f'konformità mal-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (c) ***u wara konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-ħaddiema***. Talba bħal din għandha titressaq mill-intrapriża fi żmien ġimagħtejn mid-data li fiha tkun innotifikat lill-awtoritajiet pubbliċi bil-miktub dwar is-sensji kollettivi proġettati f'konformità mal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 98/59/KE.

Or. en

Emenda 15

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 8a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri kollha għandhom jiddeżinjaw Punt ta' Dħul Uniku li l-intrapriżi jistgħu jidderieġu lejh it-talbiet imsemmija fil-paragrafu 1***, u jippubblikaw*** linji gwida u mudelli rilevanti. L-informazzjoni miġbura minn dawn il-mudelli għandha tkopri l-informazzjoni kollha meħtieġa għal applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG kif	2. L-Istati Membri kollha għandhom jiddeżinjaw Punt ta' Dħul Uniku li l-intrapriżi jistgħu jidderieġu lejh it-talbiet imsemmija fil-paragrafu 1***. Jekk applikabbli, dan il-Punt ta' Dħul Uniku jista' jiġi stabbilit b'tali mod li jqis id-diviżjoni nazzjonali tal-kompetenza. Il-Kummissjoni għandha tippubblika*** linji gwida u mudelli rilevanti ***komuni***

stabbilit fil-paragrafu ***ta' hawn taħt***.	***f'koordinazzjoni mal-Istati Membri. Sabiex jiġi żgurat li l-appoġġ finanzjarju jilħaq lill-ħaddiema kkonċernati, dawk il-linji gwida għandhom, fost l-oħrajn, jinkludu gwida rigward ir-regoli applikabbli dwar l-għajnuna mill-Istat***. L-informazzjoni miġbura minn dawn il-mudelli għandha tkopri l-informazzjoni kollha meħtieġa għal applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG kif stabbilit fil-paragrafu ***10***.
	Or. en

Emenda 16

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 8a – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fuq talba tal-intrapriża, l-Istat Membru kkonċernat għandu jipprovdi gwida lill-intrapriża matul il-proċedura tal-applikazzjoni.	5. Fuq talba tal-intrapriża ***jew tar-rappreżentant tal-ħaddiema***, l-Istat Membru kkonċernat għandu jipprovdi gwida lill-intrapriża matul il-proċedura tal-applikazzjoni.
	Or. en

Emenda 17

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 8a – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Fuq talba mill-Istat Membru applikant, il-Kummissjoni għandha tipprovdi gwida lill-Istat Membru matul il-proċedura tal-applikazzjoni.	6. Fuq talba mill-Istat Membru applikant, il-Kummissjoni għandha tipprovdi gwida lill-Istat Membru matul il-proċedura tal-applikazzjoni***, inkluż billi jiġu pprovduti mudelli ċentralizzati u gwida dwar ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat***
	Or. en

Emenda 18

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 8a – paragrafu 9 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Abbażi tal-informazzjoni mogħtija mill-Istat Membru applikant, il-Kummissjoni għandha tlesti l-valutazzjoni tagħha tal-konformità tal-applikazzjoni mal-kundizzjonijiet biex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja, fi żmien 30 jum ta' xogħol minn meta tasal l-applikazzjoni kompluta jew, fejn applikabbli, mit-traduzzjoni tal-applikazzjoni.	Abbażi tal-informazzjoni mogħtija mill-Istat Membru applikant, il-Kummissjoni għandha tlesti l-valutazzjoni tagħha tal-konformità tal-applikazzjoni mal-kundizzjonijiet biex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja, fi żmien 30 jum ta' xogħol minn meta tasal l-applikazzjoni kompluta jew, fejn applikabbli, mit-traduzzjoni tal-applikazzjoni. ***Dik il-valutazzjoni għandha tinkludi sommarju tal-adegwatezza tal-proċess ta' konsultazzjoni u l-miżuri ta' taħriġ proposti.***

Or. en

Emenda 19

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 8a – paragrafu 10 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. Applikazzjoni għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:	10. Applikazzjoni ***għandha tkun ibbażata fuq mudelli ċentralizzati u*** għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:

Or. en

Emenda 20

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 8a – paragrafu 10 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-identifikazzjoni tal-intrapriża kkonċernata;	(a) l-identifikazzjoni tal-intrapriża kkonċernata***, u, jekk applikabbli, l-identifikazzjoni ta' kwalunkwe fornitur jew utent downstream ikkonċernat***;

Or. en

Emenda 21

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 8a – paragrafu 10 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) jekk applikabbli, analiżi motivata pprovduta mill-fornituri jew mill-utenti downstream li tagħti dettalji dwar ir-rabta diretta u kawżali bejn il-kumpaniji inklużi fl-applikazzjoni kollettiva, inkluża l-konnessjoni bejn l-impjiegi ewlenin affettwati mill-ispostament u dawk affettwati fil-fornituri jew l-utenti downstream tagħhom;

Or. en

Emenda 22

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 8a – paragrafu 10 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) konferma li l-intrapriża kkonformat u qed tkompli tikkonforma mal-obbligi legali jew mal-ftehimiet kollettivi tagħha li jirregolaw dawk is-sensji pproġettati u qed tipprovdi għall-ħaddiema tagħha kif xieraq, u deskrizzjoni tal-proċeduri segwiti mill-intrapriża biex jiġu kkonsultati l-benefiċjarji fil-mira jew ir-rappreżentanti	(d) konferma li l-intrapriża kkonformat u qed tkompli tikkonforma mal-obbligi legali jew mal-ftehimiet kollettivi tagħha li jirregolaw dawk is-sensji pproġettati u qed tipprovdi għall-ħaddiema tagħha kif xieraq, u deskrizzjoni tal-proċeduri segwiti mill-intrapriża biex jiġu kkonsultati l-benefiċjarji fil-mira jew ir-rappreżentanti tagħhom ***matul il-proċess kollu, inkluż***

tagħhom;	***matul l-istabbiliment tal-pakkett ikkoordinat***;

Or. en

Emenda 23

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17
Regolament (UE) 2021/691
Artikolu 22 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Stħarriġ tal-benefiċjarji għandu jitnieda matul is-6 xahar wara tmiem kull perjodu ta' implimentazzjoni. L-istħarriġ tal-benefiċjarji għandu jkun miftuħ għall-parteċipazzjoni għal mill-inqas 4 ġimgħat. L-Istati Membri għandhom iqassmu l-istħarriġ tal-benefiċjarji lill-benefiċjarji, jibagħtu mill-inqas tfakkira waħda u jinfurmaw lill-Kummissjoni bid-distribuzzjoni u t-tfakkira li tkun intbagħtet. F'każijiet li jinvolvu assistenza implimentata minn intrapriża lill-benefiċjarji skont l-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (c), dik l-intrapriża hija responsabbli mid-distribuzzjoni tal-istħarriġ imħejji mill-Kummissjoni fost il-ħaddiema li pparteċipaw fil-miżuri. It-tweġibiet għall-istħarriġ tal-benefiċjarji għandhom jinġabru u jiġu analizzati mill-Kummissjoni għall-użu f'evalwazzjonijiet futuri.	4. Stħarriġ tal-benefiċjarji għandu jitnieda matul is-6 xahar wara tmiem kull perjodu ta' implimentazzjoni. L-istħarriġ tal-benefiċjarji għandu jkun miftuħ għall-parteċipazzjoni għal mill-inqas 4 ġimgħat. L-Istati Membri għandhom iqassmu l-istħarriġ tal-benefiċjarji lill-benefiċjarji, jibagħtu mill-inqas tfakkira waħda u jinfurmaw lill-Kummissjoni bid-distribuzzjoni u t-tfakkira li tkun intbagħtet. F'każijiet li jinvolvu assistenza implimentata minn intrapriża lill-benefiċjarji skont l-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (c), dik l-intrapriża hija responsabbli mid-distribuzzjoni tal-istħarriġ imħejji mill-Kummissjoni fost il-ħaddiema ***u r-rappreżentanti tal-ħaddiema*** li pparteċipaw fil-miżuri. It-tweġibiet għall-istħarriġ tal-benefiċjarji għandhom jinġabru u jiġu analizzati mill-Kummissjoni għall-użu f'evalwazzjonijiet futuri.

Or. en

NOTA SPJEGATTIVA

Bħalissa, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) huwa fond ta' emerġenza li għandu jintuża biex jappoġġa lill-ħaddiema ssensjati li tilfu l-impjieg tagħhom minħabba trasformazzjonijiet ekonomiċi strutturali. Dan l-appoġġ jippermetti lill-ħaddiema l-aktar vulnerabbli li jitilfu l-impjieg tagħhom f'avvenimenti ta' ristrutturar fuq skala kbira biex isibu impjieg ġdid malajr kemm jista' jkun. Madankollu, il-bidla fil-mudelli tal-produzzjoni relatati mat-tranżizzjoni doppja diġitali u ekoloġika tista' tkompli żżid l-ammont ta' proċessi ta' ristrutturar. Dan iżid il-pressjoni fuq il-kumpaniji li diġà jeħtieġu jinvestu f'dawn it-tranżizzjonijiet. Fl-istess ħin, l-iżviluppi kummerċjali internazzjonali poġġew aktar pressjoni fuq il-kumpaniji Ewropej tagħna, li jista' jkollhom ibiddlu l-organizzazzjoni operazzjonali minħabba dan.

Għal dawn ir-raġunijiet u biex jiġu protetti kemm l-indipendenza strateġika tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-impjiegi Ewropej, l-għeluq tal-intrapriżi u s-sensji għandhom jiġu evitati akkost ta' kollox. Għalhekk, appoġġ proattiv, speċifiku u mmirat għall-ħaddiema f'kumpaniji li għaddejjin minn ristrutturar jenħtieġ li jkun possibbli wkoll taħt il-FEG. Dan l-appoġġ għandu jippermetti lill-ħaddiema jsibu impjieg ġdid fl-istess kumpanija iżda f'funzjoni ġdida, jew isibu impjieg f'kumpanija oħra. Iż-żamma ta' ħaddiema tas-sengħa tista' wkoll tappoġġa kumpaniji li għaddejjin minn ristrutturar biex ikomplu l-attivitajiet Ewropej tagħhom.

Minħabba l-importanza li l-appoġġ tal-FEG jiġi allinjat mal-għanijiet strateġiċi usa' tal-Unjoni, dan ir-Regolament jeħtieġ li jiżgura li l-appoġġ disponibbli tal-FEG imur għall-kumpaniji li l-proċess ta' ristrutturar tagħhom isaħħaħ it-tranżizzjoni doppja diġitali u ekoloġika u li l-appoġġ imur għall-ħaddiema affettwati minn spostament imminenti tal-impjiegi. Dan se jżid ir-rwol tal-Fond biex jixpruna l-innovazzjoni sostenibbli u l-iżvilupp tal-ħiliet. Dan jissalvagwardja l-użu tal-fondi pubbliċi u jiżgura li l-FEG isir għodda mhux biss ta' mitigazzjoni iżda wkoll ta' trasformazzjoni.

Waħda mill-aktar żidiet sinifikanti tintroduċi l-eliġibbiltà għall-ħaddiema f'fornituri diretti u utenti downstream ta' intrapriżi li għaddejjin minn ristrutturar, peress li huma koperti wkoll fl-appoġġ attwali tal-FEG. Dan jirrifletti l-interdipendenzi kumplessi fi ħdan il-ktajjen tal-valur moderni u jirrikonoxxi li l-effetti kollaterali tar-ristrutturar spiss jestendu lil hinn mill-intrapriża ewlenija. Sabiex tinżamm ir-responsabbiltà u jiġi żgurat intervent immirat, iż-żidiet jeħtieġu prova ta' rabta kawżali murija bejn dawn il-ħaddiema u l-avveniment primarju ta' ristrutturar.

Sabiex jiġi żgurat li l-pakketti mmirati jkunu mfassla speċifikament għall-ħaddiema affettwati minn spostament imminenti tal-impjiegi, l-involviment bikri u sinifikanti tal-ħaddiema u tar-rappreżentanti tagħhom huwa ta' importanza kbira. Għalhekk, il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli dwar id-djalogu soċjali għandha dejjem tiġi rispettata matul il-proċess kollu. L-emendi jippromwovu t-trasparenza u l-ġustizzja matul ir-ristrutturar u jissalvagwardjaw id-drittijiet tal-ħaddiema li jipparteċipaw f'deċiżjonijiet li jaffettwaw il-futur tagħhom. L-abbozz jipproponi wkoll rwol imsaħħaħ għas-sħab soċjali fit-tfassil tal-pakketti ta' appoġġ koordinati, filwaqt li jiġi żgurat li l-miżuri ta' taħriġ u ta' titjib tal-ħiliet ikunu mfassla apposta, effettivi u rilevanti għas-swieq tax-xogħol reġjonali

Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-kumpaniji, iż-

żidiet jipproponu wkoll l-użu ta’ mudelli standardizzati, gwida ċentralizzata u aktar ċarezza dwar ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.
Fil-qosor, dawn iż-żidiet jirrispondu kemm għan-natura li qed tevolvi tal-ispostament tal-impjiegi kif ukoll għall-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni. Dawn għandhom l-għan li jagħmlu l-FEG aktar inklużiv, orjentat lejn il-futur, u integrat mal-politika soċjali u industrijali tal-UE, filwaqt li jiżguraw li jibqa’ mekkaniżmu vitali għall-appoġġ tal-ħaddiema fi tranżizzjoni.

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur tiddikjara li rċeviet kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-abbozz ta' rapport:

Entità u/jew persuna
European Trade Union Confederation
ACV-CSC
Business Europe
VBO-FEB
IndustriAll - European Trade Union
European Economic & Social Committee

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn li huma, ir-rapporteur tiddikjara li ppreżentat lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.